MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru 872/2005

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Farrugia u
Spettur Rita Criminale)

vs

David Reginiano

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 183668(m), akkuzat talli fit-12 ta' Lulju 2005 ghal habta tal-12.15pm gewwa San Anton Gardens, Birbal, Balzan u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer:

(1) ikkaguna feiti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Renato Attard li ghandu numru tal-karta tal-identita'87559(m) skont kif iccertifika Dr Cherilyn Fenech tal-Isptar San Luqa;

(2) volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Renato Attard, liema hsara ma teccedix Lm500 imma izjed minn Lm50 – bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kap 9;
(3) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat – bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9;
(4) qal kliem oxen u espressjonijiet ta’ dagha – bi ksur tal-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kap 9;
Il-Qorti mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ Renato Attard ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom derhlu li tista’ tinsab htija jew htijiet kontra l-imputat u ghalhekk bghatu sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tieghu;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara li ma kellux aktar provi x’jipproduci u l-imputat li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn dina l-Qorti;

Semghet u ezaminat ix-xhieda kollha;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-Artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju lil din il-Qorti jipotizzaw:
(i) l-Artikoli 214 sa 218 li jittrattaw l-offiza gravi li twassal ghall-debilita’ permanenti fil-gisem jew il-mohh tal-persuna midruba;
(ii) l-Artikolu 325 li jitratta l-hsara volontarja;
(iii) l-Artikolu 338(dd), 338(bb) u 342 li huma kontravenzjonijiet;
(iv) l-Artikolu 383 li jittratta l-garanzija ghas-sigurta’ u l-Artikolu 533 li jitratta l-ispejjez tal-esperti jekk nominati;

Tibda biex tghid il-Qorti li fil-konfront tal-akkuzi ta' natura kontravenzjonali, irrispettivament jekk humiex preskritti jew le, l-provi ma jwsslux sal grad li gew ppruvati u kwindi l-imputat ser jigi liberat minnhom. U vis-à-vis l-Artikolu 533 l-ebda espert ma gie nominat. Fil-konfront tal-akkuzi li jittrattaw il-feriti gravi u l-hsara volontarja l-provi juru li dawn irrisultaw fil-kors ta' argument li l-imputat u l-kwerelant kellhom fil-gonna ta' San Anton. Fil-kuntest ta' dan l-argument jirrisulta mill-istqarrija tal-imputat li hu kien mar fl-imsemmija gonna sabiex jikkonferma informazzjoni li kellu dwar jekk martu (ma minn kien qieghed jissepara) kellix tiltaqa' mal-kwerelant u jekk kinitx ser taghmel hekk fil-presenza ta' uliedu b'divjet espress, jghid hu, ta' digriet tas-Sekond' Awla. Izid jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu li meta acceda ghall-gonna iltaqa' ma' uliedu fejn il-kjosk li hemm barra l-gonna li qalulu li ommhom kienet bghatithom jixtru. Kien fil-fatt meta l-imputat sab lill-martu u l-kwerelant flimkien gewwa l-gonna li nqala' l-argument u l-kwerelant safa b'xi griehi fuq il-persuna tieghu.

Illi fil-kuntest ta' dawn il-griehi li sofra l-kwerelant hemm diskordju. Fl-ewwel lok mart l-imputat ma gietx prodotta bhala xhud. Hi kienet fil-fatt l-unika xhud okkulari li setghet tistabilixxi l-fatt ta' min mill-imputat u l-kwerelant agredixxa lil min. Fit-tieni lok it-tnejn jitfghu dan il-fatt tal-aggressjoni fuq l-parti l-ohra. Il-kwerelant fix-xhieda tieghu jghid: "…l-incident gara filwaqt li jiena kont qieghed inkellem lil certu Denise Reginiano, l-imputat gie minn warajja u aggredieni…waqqghani mal-art u baqa' jtini, pero' dejjem bil-ponn". L-imputat fl-istqarrija tieghu jistqarr li kien il-kwerelant li aggredih fil-waqt li kien qieghed jimprovera lill-martu. Imbaghad l-unika xhud li xehdet fir-rigward hi certa Pauline Scicluna li kienet akkumpanjat lill-kwerelant u tghid li hi ma kinitx presenti waqt il-glieda izda kienet resqet fid-direzzjoni fejn kienet semghet xi ghajjat u fil-waqt li semghet lill-kwerelant jghid il-kliem "hallini, hallini" rat lill-imputat jigri warajh u sabet lill-kwerelant fil-hamrija b'xi demm ma' wiccu.

Intant, l-imputat ghazel li ma jikkonfermax dak li stqarr fl-istqarrija tieghu 'viva voce' quddiem din il-Qorti. Fil-fatt

ghazel li ma jixhidtx. U din il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li ghandha tapplika l-massima "dolus indeterminatus determinatur ab exitu" b'hekk li l-imputat ghandu jwiegeb ghal hsara li ikkaguna lill-kwerelant. Il-Qorti kandidament tistqarr li mhux qeghdha tirriskontra xi element povokatorju da parti tall-kwerelant fuq is-semplici fatt li huwa kien qieghed jitkellem ma' mart l-imputat.

Fil-kuntest tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali dwar il-feriti ikkagunati ghandu jirrisulta ben car mill-provi li hija cirkoskritta fl-ambitu tal-Artikolu 216(d), cioe, ghall-ferita fil-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella, li ghal daqshekk zmien, izzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu. Fil-kaz de quo ghalkemm il-ferita kienet tikkonsisti fi ksur fl-imnieher, ma jirrisultax, anzi x-xhieda, kompriza dik tal-kwerelant stess, jeliminaw dan il-fatt billi jidher li l-ksur fieq qabel it-tletin gurnata. F'dan il-kuntest, izda, il-Qorti ma tistax tinjora d-dispost tal-Artikolu 216(2) tal-Kap 9 li jiqies ferita gravi wkoll dik li, fuq il-bazi tal-probabbli, tista ggib il-konsegwenzi mfissra fl-imsemmi Artikolu 216(1). Trattandosi fi ksur fl-imnieher din il-Qorti tghid li mhux eskluz anzi seta' kien bil-wisq probabbli li l-fejqan kien jiehu aktar minn tletin gurnata. Ergo tirrizulta l-ferita gravi taht l-imsemmi Artikolu 261.

Dwar l-akkuza tal-hsara volontarja din tirrizulta bhala konsegwenza diretta tal-glieda.

Rat ghalhekk l-Artikolu 216(1)(2), 325(b) u 17(h) tal-Kap 9. Issib l-imputat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet izda mhux tat-tielet u r-raba' li minnhom qeghdha tilliberah. Ikkonsidrat l-attenwanti generici u tiddecidi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-zmien sitt xhur mill-lum.

Dwar jekk ghandhiex tapplika l-Artikolu 383 kontra l-imputat il-Qorti ma tarax il-bzonn illum li ghandha tiehu xi provvediment taht dan l-artikolu.

Fl-ahharnett il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------